MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 105/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Buttigieg)
Vs

Clive Mifsud

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Novembru, 2001 ghall-habta tas-7.15 a.m. fi Triq l-Isqof Buhagiar, Paola, saq vettura nru. AAV 424 :
1) b'manjiera traskurata;
2) perikoluza;
3) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi taskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michael Bezzina, skond kif iccertifika verbalment Dr. M. Spiteri M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Mejju, 2003 li biha wara li rat l-Artikoli 15, 18 tal-Kap. 65, l-Artikolu 17, u 226 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa ta’ LM200 (mitejn Lira Maltin). In oltre skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta’ Mejju 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell, billi tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-istess akkuzi migjuba kontrih, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w kundanna, u subordinatament jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti li, f’kaz li tikkonferma l-kolpevolezza tal-esponent, joghgobha tirriforma l-istess sentenza, billi tirriduci l-piena imposta mill-ewwel Qorti, sabiex din tirrifletti b’mod aktar ragjonevoli l-akkuzi li talvolta jkun instab hati taghhom.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe’ :- 1. li preliminarjament hu ma kien involut fl-ebda incident tat-traffikubil-vettura AAV 424 kif dedott fl-akkuza; 2. illi fil-mertu l-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzzjoni zbaljata meta imputat il-htija tal-incident lilu; 3. illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti , il-piena inflitta hija sporzjonali ghall-incident li tieghu instab hati.

Fliet l-atti kollha processwali inkluzi id-depozizzjonijiet traskritti ;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat .

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-incident kikenu s-segwenti. Fis-27 ta’ Novembru, 2001, l-appellant kien gie biex jaqla minn pozizzjoni stazzjonarja bil-vettura AAU 424, fejn kien immparkjat mall-lemin tat-triq fi Triq l-Isqof Bhagiar, Pawla . Hekk kif beda hiereg lejn ix-xellug, gie l-mutur FAG 932 mill-faccata li fuqu kien riekeb Michael Bezzina mid-direzzjoni tar-roundabout li hemm magemb ir-residenza

ta’ Dr. V. Moran M.D. u diehel lejn il-fabbriki ta’ Kordin u dan . Hu kien ra l-car xi 2 metri quddiemu , hierga mill-parking, nhasad , ipprova jevitah u wara li habat bi zbrixx mal-pinna tax-xellug ta’ quddiem tal-car tal-appellant , tilef il-kontroll u spicca taht il-bankina tan-naha l-ohra tat-triq. Bhala rizultat ta’ dan l-incident u d-daqqa bejn il-fanal tal-car tal-appellant u l-qasba ta’ siequ , Bezzina sofra griehi ta’ natura gravi per durata. Id-difiza kienet ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci lit-Tabib Spiteri ghall-fini tad-deskrizzjoni tan-natura tal-feriti riportati minn Bezzina.

Irrizulta li ftit il-boghod minn fejn qala’ l-appellant il-vizwali kienet limitata ghax kien hemm roundabout (ara. Ritratti Dok. 1 u 2 a fol.28 tal-process) .It-temp kien bnazzi u l-art kienet xotta u li d-daqqa ma kienetx wahda vjolenti . Fil-waqt li l-appellant isostni li fil-hin tal-incident kien wieqaf qed jesplora t-triq wara li beda hiereg mill-parjking, Bezzina isostni li hareg ghal fuqu f’daqqa .L-appellant isostni ukoll li Bezzina wegga ghax il-mutur meta waqa’ kien gie fuq saqajh.

Illi dwar l-ewwel aggravju jidher li dan hu bazat fuq il-fatt li fil-waqt li rrizulta li l-vettura li kien qed isuq l-appellant kellha n-numru ta’ regisdtrazzjoni AAU 424, fil-komparixxi n-numru inghata bhala AAV 424. Dan l-izball tad-dattilografija gie ripetut fis-sentenza appellata . Issa skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali , ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha , fil-qosor, il-fatti tal-akkuza , bil-partikolaritajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Issa fil-kaz in ezami , meta l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Qorti ma qajjem ebda eccezzjoni dwar dan l-izball u jidher li kien jaf sew biex kien qed jigi akkuzat u l-fatt li ittra wahda fin-numru tal-vettura tieghu giet skambjata minn U ghall V ma jidher li b’ebda mod holoqlu xi konfuzjoni f’mohhu li seta fixklu fid-difiza tieghu . Umbaghad stante li dan il-punt la ssemma waqt l-ezami tax-xiehda u lanqas fil-kors tat-trattazzjoni tad-difensur, jidher li baqa’ ghaddej u l-Prosekuzzjoni ma hassitx il-htiega li titlob korrezzjoni kif setghet taghmel kieku intebhet b’dan l-izball . Il-Qorti fis-sentenza imxiet fuq it-test tal-komparixxi u gie ripetut l-istess zball imma dan

fis-sustanza ma jbiddel xejn dwar in-natura tar-reati li bihom jinsab akkuzat l-appellant u li taghhom instab hati . Hu dettall inkonsegwenzjali li zgur ma jwassalx ghall-liberazzjoni tal-appellant . (ara f'dan is-sens ukoll Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [5.8.2003] per V. De Gaetano CJ.)

Illi dwar il-mertu ,kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo 14.3.59 ; Pul. vs. Wilson Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892)

Issa meta l-appellant ghazel li jipparkja mall-lemin tat-triq , b'mod li meta jigi biex jaqla' 'l barra irid jigi wiccu got-traffiku gej mid-direzzjoni opposta f'pozizzjoni "wong side" , ghalkemm dan ma jikkostitwix reat per se, pero' kien impoggi fuqu "a greater duty of care" li jara li johrog biss meta jista' jaghmel dan b'sikurezza ghalieh u ghall "oncoming traffic". Jekk umbaghad kellu vizwali qasira lejn id-direzzjoni ta' min fejn kien gej dan l-"oncoming traffic" aktar u aktar kellu joqghod attent li jaqsam it-triq biss meta jkun cert li jista' jaghmel dan ghax imissu kien konsapevoli li bil-manuvra tieghu jista' jigi wicc imb wicc ma traffiku gej fuq il-"proper side" mill-faccata. L-appellant ma jistax jiskolpa ruhu ghax jghid li dak il-hin kien qed ihares lejn in-naha l-ohra biex jara kienx gej traffiku minn warajh ossia mix-xellug tieghu . Anki jekk ghandu jitwemmen li seta' kien ghadu kif waqaf f'dik il-pozizzjoni fejn intlaqat mill-mutur, dan ma jfissirx li bil-hrug tieghu hu ma kienx ikkreja emeregenza subitanea ghall-mutur ta' Bezzina li kien

ghadu kif dahal fit-triq minn hdejn ir-roundabout . Ladarba kienet il-manuvra tieghu li kienet qed tmur kontra l-kors normali tat-traffiku u l-“stream of traffic” kien jinkombi fuqu li jara li din issir biss meta setghat issir u ssir kemm jista’ jkun malajr biex fil-frattemp ma tilhaqx tinbidel ir-“traffic situation” .

Pero’ din il-Qorti thoss li ghalkemm l-appellant ma hax il-prekawzjonijiet kollha rikjesti u li l-manuvra tieghu kienet il-kawza unika tas-sinistru , il-grad tas-sewqan hazin tieghu ma kienx tali li jaqa’ that il-grad aktar gravi ta’ sewqan perikoluz . Kien jikkonsisti biss f’nuqqas ta’prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali u ergo fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , sewqan b’manjiera traskurata w mhux ukoll sewqan b’maniera perikoluza. Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax pruvata. Inoltre l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni ghal-fini ta’ piena a tenur tal-artikolu 17(f) tal-kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju dwar il-piena , il-konkluzzjoni fuq raggunta dwar il-htija trid bil-fors tigi riflessa f’piena aktar miti minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u hekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni b’dana li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tielet u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ukoll tat-tieni imputazzjoni ta’ sewqan perikoluz u fejn ikkundannatu ghal multa ta’ mitejn lira Maltin u inoltre skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien tlitt xhur u minnflok ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah u tikkundannah ghall-multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ tletin jum li ghandu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------